Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Novembru 2026
(OR. en)

15577/26

JEUN 247
SOC 730

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar il-promozzjoni ta' spazji għaż-żgħażagħ fl-Ewropa

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż il-konklużjonijiet imsemmija hawn fuq, approvati mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażagħ, Kultura u Sport) fis-sessjoni tiegħu tad-19 ta' Novembru 2026.

ANNESS

Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet
tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill
dwar il-promozzjoni ta' spazji għaż-żgħażagħ fl-Ewropa

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI MLAQQGĦIN FIL-KUNSILL,

IFAKKRU:

1. Fit-testi adottati fl-Unjoni Ewropea (UE) b'rilevanza għall-politika dwar iż-żgħażagħ, inkluż l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ 2019-2027[1], u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar spazji ċiviċi għaż-żgħażagħ[2] kif ukoll dawk relatati mal-parteċipazzjoni, l-inklużjoni, l-ekwità interġenerazzjonali, is-soċjetà ċivili u l-involviment demokratiku.

2. Fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li jirrikonoxxi d-drittijiet taż-żgħażagħ li jaċċessaw l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-opportunitajiet indaqs u l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni, filwaqt li jappoġġa l-ħolqien ta' komunitajiet inklużivi u reżiljenti li fihom iż-żgħażagħ ikunu involuti b'mod attiv u ekonomikament u soċjalment sikuri.

3. Fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida[3] li tippromwovi l-involviment attiv taż-żgħażagħ fit-tiswir ta' spazji pubbliċi u komuni inklużivi u adattati iż-żgħażagħ.

---

1 Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ: L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażagħ 2019-2027 (ĠU C 456, 18.12.2018).

2 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar is-salvagwardja u l-ħolqien ta' spazji ċiviċi għaż-żgħażagħ li jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni sinifikanti taż-żgħażagħ (ĠU C 501I, 13.12.2021).

3 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (id-dokument tal-Kunsill 9128/26).

GĦALL-FINIJIET TA' DAWN IL-KONKLUŻJONIJIET:

4. L-"ispazji għaż-żgħażagħ" huma deskritti, f'konformità mal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ 2019-2027, l-Għan dwar iż-Żgħażagħ #9: Spazju u Parteċipazzjoni għal Kulħadd, bħala faċilitajiet fiżiċi u infrastrutturi mmexxija miż-żgħażagħ li huma awtonomi, miftuħa u sikuri, aċċessibbli għal kulħadd, joffru appoġġ professjonali għall-iżvilupp, u jiżguraw opportunitajiet għall-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ. Filwaqt li jirrikonoxxu l-valur u l-importanza ta' spazji virtwali sikuri għaż-żgħażagħ, speċjalment l-aċċessibbiltà li joffrulhom, dawn il-konklużjonijiet jiffukaw fuq spazji fiżiċi għaż-żgħażagħ minħabba l-opportunità ta' interazzjoni wiċċ imb wiċċ u r-rwol importanti li jista' jkollhom fl-iżvilupp personali u soċjali taż-żgħażagħ.

JIEĦDU NOTA TA':

5. L-Istrateġija tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Ekwità Interġenerazzjonali[4] u l-ambizzjoni tagħha li tiżgura li l-ġenerazzjonijiet futuri ma jitgħabbewx bla bżonn mit-tfassil tal-politika tal-lum u jibbenefikaw bl-istess mod minnu. B'mod partikolari, l-enfasi tagħha fuq inklużjoni aktar b'saħħitha tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fit-tfassil ġust tal-politika, l-opportunitajiet ġusti u l-postijiet ġusti.

[4] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Strateġija dwar l-Ekwità Interġenerazzjonali, id-dokument 7112/26 INIT + ADD 1.

JIRRIKONOXXU LI:

6. L-ispazji għaż-żgħażagħ jaqdu rwol sinifikanti fl-appoġġ tal-iżvilupp personali u soċjali, is-saħħa mentali pożittiva u l-benesseri taż-żgħażagħ.

7. L-ispazji għaż-żgħażagħ jeżistu f'forom differenti u jistgħu joperaw taħt mudelli ta' governanza differenti fl-Unjoni, fosthom faċilitajiet fissi u mobbli, u spazji fuq ġewwa u fuq barra, li jiffunzjonaw bħala ċentri tal-komunità lokali u jadattaw għall-ħtiġijiet taż-żgħażagħ fil-komunitajiet tagħhom. Dawn l-ispazji jistgħu jiġu appoġġati minn organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u awtoritajiet pubbliċi f'livelli xierqa.

8. L-ispazji għaż-żgħażagħ jistgħu jaġixxu bħala gateways għal servizzi ta' appoġġ usa' billi jipprovdu informazzjoni preċiża, affidabbli u adattata għaż-żgħażagħ u jorjentaw liż-żgħażagħ lejn ir-riżorsi rilevanti.

9. Il-ħarsien tal-aċċess għal dawn l-ispazji għaż-żgħażagħ huwa partikolarment importanti għaż-żgħażagħ vulnerabbli u emarġinati u għaż-żgħażagħ b'inqas opportunitajiet, fosthom il-minoranzi etniċi, ir-refuġjati, il-persuni LGBTI[5], il-persuni b'diżabilità u dawk li jesperjenzaw żvantaġġ soċjali, ekonomiku u ġeografiku, inkluż dawk li jgħixu fir-reġjuni ultraperiferiċi, kif ukoll f'żoni skarsament popolati, rurali u remoti.

[5] Ara wkoll l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ+ 2020-2030 (COM(2020)725 final).

10. L-ispazji għaż-żgħażagħ, li jistgħu jinkludu spazji ċiviċi, jipprovdu opportunitajiet għal parteċipazzjoni sinifikattiva taż-żgħażagħ, jagħtu s-setgħa liż-żgħażagħ biex iqajmu kwistjonijiet u jesprimu ruħhom, jieħdu sehem fi djalogi b'firxa ta' perspettivi diversi, jisfidaw id-diżinformazzjoni u l-miżinformazzjoni, u jiżviluppaw il-fiduċja u l-ħiliet biex isiru ċittadini attivi u involuti fil-komunitajiet tagħhom, inkluż permezz ta' tagħlim mhux formali u informali.

11. L-ispazji għaż-żgħażagħ jistgħu jservu bħala pjattaformi għal djalogu u kollaborazzjoni interġenerazzjonali, li jrawmu fehim reċiproku bejn iż-żgħażagħ u ġenerazzjonijiet oħra. Dawn l-ispazji jistgħu jservu wkoll bħala pjattaformi biex jiġu skambjati l-aħjar prattiki rigward l-opportunitajiet Ewropej u internazzjonali għaż-żgħażagħ bħall-volontarjat u l-mobbiltà.

12. Il-ħidma fost iż-żgħażagħ u l-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ, flimkien mal-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, għandhom rwol importanti fl-iżvilupp personali u soċjali taż-żgħażagħ, billi jappoġġawhom biex jiżviluppaw relazzjonijiet importanti mibnija fuq il-fiduċja mal-pari tagħhom u mal-adulti.

13. Il-ħidma fost iż-żgħażagħ u l-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ, flimkien mal-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, għandhom rwol ċentrali fit-tisħiħ tar-reżiljenza demokratika taż-żgħażagħ billi joħolqu spazji għaż-żgħażagħ sikuri u inklużivi fejn iż-żgħażagħ jistgħu jiżviluppaw ħiliet ta' ħsieb kritiku u parteċipazzjoni li jrawmu sens ta' responsabbiltà ċivika.

JAQBLU LI:

14. Fl-Unjoni, ma hemmx biżżejjed spazji fiżiċi disponibbli għaż-żgħażagħ li jistgħu jservu bħala spazji għaż-żgħażagħ.[6]

15. Kwistjoni li qed issir dejjem aktar importanti fl-Istati Membri kollha hija t-tnaqqis fl-għadd ta' spazji għaż-żgħażagħ sikuri, inklużivi u aċċessibbli, u ż-żamma tal-aċċess għal dawn l-ispazji qed issir problema dejjem akbar għaż-żgħażagħ[7].

16. Fil-kuntest taż-żieda fid-diġitalizzazzjoni u l-użu tal-iskrin fost iż-żgħażagħ, l-ispazji fiżiċi għaż-żgħażagħ jistgħu jipprovdu opportunitajiet siewja għall-interazzjoni wiċċ imb wiċċ, l-inklużjoni soċjali, l-attività fiżika, il-benesseri u l-involviment pożittiv fil-komunità, filwaqt li jtaffu r-riskji li jiżdiedu l-livelli ta' solitudni fost iż-żgħażagħ[8].

17. Il-finanzjament sostenibbli, aċċessibbli u simplifikat, inkluż mill-istrumenti tal-UE, huwa fattur importanti għad-disponibbiltà, il-kwalità u l-inklużività tal-ispazji għaż-żgħażagħ.

18. In-nuqqas ta' ugwaljanza fl-aċċess għall-ispazji għaż-żgħażagħ jista' jwassal biex iż-żgħażagħ, b'mod partikolari dawk f'żoni rurali u remoti, jiġu esklużi mill-ispazji għaż-żgħażagħ li għandhom rwol essenzjali fl-iżvilupp personali, soċjali u ċiviku tagħhom.

19. Bejn l-Istati Membri, hemm varjazzjonijiet fil-livelli ta' investimenti u l-oqfsa ta' politika għal spazji fiżiċi għaż-żgħażagħ fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali.

---

6 OECD, Recommendation of the Council on creating better opportunities for young people (Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-ħolqien ta' opportunitajiet aħjar għaż-żgħażagħ), Laqgħa tal-Kunsill fil-Livell Ministerjali, 9-10 ta' Ġunju, JT03497457; Forum Ewropew taż-Żgħażagħ, Indiċi tal-Progress taż-Żgħażagħ 2023.

7 OECD, The Protection and Promotion of Civic Space: Strengthening alignment with International Standards and Guidance (Il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tal-Ispazju Ċiviku: It-tisħiħ tal-allinjament mal-Istandards u l-Gwida Internazzjonali), 2022.

8 Stħarriġ taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) dwar is-solitudni fl-UE. https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC125873

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI, FIL-LIVELLI XIERQA:

20. Jippromwovu l-iżvilupp ta' approċċ strateġiku intergovernattiv ibbażat fuq l-evidenza għall-immappjar, l-appoġġ u l-iżvilupp futur ta' spazji għaż-żgħażagħ li jinvolvu, fejn xieraq, l-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, il-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ u ż-żgħażagħ infushom.

21. Jappoġġaw ir-riċerka, il-ġbir tad-data u l-iżvilupp tal-għarfien dwar l-impatt tal-ispazji għaż-żgħażagħ fit-trawwim tal-inklużjoni, il-parteċipazzjoni, il-benesseri u l-involviment demokratiku fost iż-żgħażagħ.

22. Jippromwovu aktar l-integrazzjoni taż-żgħażagħ fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki relatati mal-ispazji għaż-żgħażagħ fuq ġewwa u fuq barra, inkluż spazji ċiviċi u spazji oħra fejn iż-żgħażagħ jinteraġixxu, jipparteċipaw u jissoċjalizzaw.

23. Jesploraw maż-żgħażagħ modi kif jippreservaw l-ispazji eżistenti għaż-żgħażagħ, jikkunsidraw l-istabbiliment ta' spazji ġodda għaż-żgħażagħ, u, fejn xieraq, jimplimentaw miżuri biex itejbu l-kwalità, l-aċċessibbiltà u s-sostenibbiltà ta' dawn l-ispazji għaż-żgħażagħ kollha.

24. Fejn xieraq, jużaw b'mod sħiħ l-istrumenti ta' finanzjament eżistenti rilevanti tal-Unjoni biex jappoġġaw l-istabbiliment, il-preservazzjoni, l-operat u t-titjib tal-ispazji għaż-żgħażagħ.

25. Jinkoraġġixxu u jappoġġaw l-iżvilupp ta' spazji għaż-żgħażagħ aċċessibbli u sikuri li joffru liż-żgħażagħ opportunitajiet għal interazzjoni wiċċ imb wiċċ u rabtiet soċjali sinifikattivi, sabiex jiġu indirizzati l-isfidi assoċjati mat-trasformazzjoni diġitali tas-soċjetà.

26. Jippromwovu aktar sensibilizzazzjoni u aċċessibbiltà għaż-żgħażagħ kollha għal spazji għaż-żgħażagħ sikuri u inklużivi permezz ta' informazzjoni u komunikazzjoni adattati għalihom, inkluż miżuri mmirati għaż-żgħażagħ b'inqas opportunitajiet.

27. Jirrikonoxxu r-rwol tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ u tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ fil-provvista u l-appoġġ ta' spazji għaż-żgħażagħ u bħala atturi importanti għall-iżvilupp u l-promozzjoni taċ-ċittadinanza attiva fost iż-żgħażagħ, it-trawwim tar-reżiljenza demokratika tagħhom u l-inkoraġġiment tad-djalogu u l-kollaborazzjoni interġenerazzjonali.

28. Jesploraw modi kif jibnu u jsaħħu l-kapaċità tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ biex ikomplu jtejbu l-valur tal-ispazji għaż-żgħażagħ, sabiex jipprovdu aċċess għal opportunitajiet sinifikattivi, u jappoġġaw liż-żgħażagħ biex jilħqu l-potenzjal tagħhom.

JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI EWROPEA, F'KONFORMITÀ MAL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ:

29. Tkompli tappoġġa l-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti kollha tal-UE u tiżgura li l-fehmiet u t-tħassib taż-żgħażagħ, kif ukoll l-għarfien espert tas-settur tal-ħidma fost iż-żgħażagħ, b'mod partikolari fir-rigward tal-ispazji għaż-żgħażagħ, jiġu inkorporati b'mod adegwat fil-politiki u t-teħid ta' deċiżjonijiet futuri kollha.

30. Tikkunsidra l-promozzjoni tal-kondiviżjoni tal-għarfien u l-iskambju tal-aħjar prattiki biex tappoġġa lill-Istati Membri fl-approċċ strateġiku tagħhom għall-iżvilupp attwali u futur tal-ispazj**i** għaż-żgħażagħ, inkluż permezz ta' networks eżistenti, bħall-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati tal-UE fil-Qasam taż-Żgħażagħ, is-Sħubija taż-Żgħażagħ UE-Kunsill tal-Ewropa u n-network tal-Aġenziji Nazzjonali tal-Erasmus+ u tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

31. Tippromwovi l-kokreazzjoni, id-disinn u l-governanza tal-ispazji għaż-żgħażagħ bl-involviment attiv tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ u ż-żgħażagħ, filwaqt li tiżgura li l-ispazji għaż-żgħażagħ ma jkunux biss fiżikament aċċessibbli iżda wkoll soċjalment inklużivi, parteċipattivi u reattivi għall-ħtiġijiet li jevolvu.

32. Tinvolvi aktar liż-żgħażagħ fl-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-programmi u l-inizjattivi tal-UE li jħallu impatt fuq ħajjithom, b'mod partikolari fir-rigward tal-ispazji għaż-żgħażagħ, permezz tal-integrazzjoni taż-żgħażagħ, u l-applikazzjoni tal-Verifika taż-Żgħażagħ u l-prinċipju tal-ekwità interġenerazzjonali.

33. Tkompli tippromwovi u tinforma lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha dwar il-firxa sħiħa ta' fondi, għodod ta' kooperazzjoni u programmi eżistenti tal-UE disponibbli biex jiżviluppaw u jsostnu l-ispazji għaż-żgħażagħ u biex jappoġġaw liż-żgħażagħ fl-Ewropa biex isiru ċittadini tal-UE attivi u involuti. Din l-informazzjoni tista' tinxtered permezz ta' strumenti u għodod Ewropej eżistenti, bħall-Portal Ewropew taż-Żgħażagħ, il-Wiki taż-Żgħażagħ, jew il-Eurodesk.

34. Jappoġġaw ir-riċerka, il-ġbir tad-data u l-iżvilupp tal-għarfien dwar l-impatt tal-ispazji għaż-żgħażagħ fit-trawwim tal-inklużjoni, il-parteċipazzjoni, il-benesseri u l-involviment demokratiku fost iż-żgħażagħ.